31985R2046

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2046/85
tal-24 ta' Lulju 1985
li jemenda Regolament (KEE) Nru 1985/74 li jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-iffissar tal-prezzijiet ta' referenza u prezzijiet *free to frontier* għall-karpjun

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3796/81 tad-29 ta' Diċembru 1981 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3655/84 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(5) tiegħu,

Billi l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3796/81 jipprovdi li l-prezzjijiet ta' referenza għall-karpjun jistgħu jiġu ffissati qabel il-bidu ta' kull sena tas-suq; billi dawn il-prezzijiet jistgħu jiġu ffissati f'livelli differenti għall-perjodi li għandhom jiġu speċifikati f'kull sena tas-suq skond it-tibdil staġjonali tal-prezzijiet;

Billi l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1985/74 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1701/78 [4], jipprovdi li wieħed mill-perjodi għal liema għandu jiġi ffissat prezz ta' referenza għandu jkun mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara;

Billi l-esperjenza wriet il-ħtieġa li dan il-perjodu jinqasam f'żewġ partijiet; billi r-Regolament (KEE) Nru 1985/74 għandu għalhekk jiġi emendat;

Billi l-Kumitat li jimmaniġġja l-Prodotti tas-Sajd ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien iffissat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1985/74 qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Prezz ta' referenza għandu jiġi ffissat għall-karpjun għall-perjodi:

— mill-1 ta' Awissu sat-30 ta' Novembru,

— mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Diċembru,

— mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Lulju."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

[1] ĠU L 379, tal-31.12.1981, p. 1.
[2] ĠU L 340, tat-28.12.1984, p. 1.
[3] ĠU L 207, tad-29.7.1974, p. 30.
[4] ĠU L 195, ta' l-20.7.1978, p. 14.